MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 506/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Ehrhardt Suzanne K.I. 361885(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u tnejn u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,632.24) – rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ servizzi ta’ komunikazzjoni, kont bin-numru *A/C 40159541*, moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elf, sitt  mija u tnejn u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,632.24), bl-imghax legali dekorribbli mis-17 t’April 2012, li hija d-data tal-ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi numerata 891/12, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------